**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 965/2002**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Fabian Fleri)**

**Vs**

**Frank Difesa**

**Illum 5 ta' Diċembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Frank Difesa, iben Francis u Paula neè Psaila, imwieled il-Ħamrun fit-2 ta' Ġunju 1957 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 391257(M), talli fid-29 ta' Awwissu 2002 u xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex jbiegħhom jew imexxihom;

Rat illi l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u li huwa ġa ġie ġudikat mill-Maġistrat Mizzi dwar il-parti tar-riċettazzjoni li huwa allegatament wettaq u dana qabel is-27 ta' Marzu 2002;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "CSH" sa' Dok. "CSH2", inkluż il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, a fol. 2 sa' 7 tal-proċess, rat in-notament ta' Brian Avellino, fiż-żmien Deputat Reġistratur tal-Maġistrat Antonio Mizzi, datat 30 ta' Ottubru 2003, rat u kkunsidrat ix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Alex Miruzzi waqt is-seduta tal-5 ta' April 2004 u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "S" u "T" u rat u kkunsidrat ix-xhieda mogħtija minn Victor Micallef waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2004;

Rat li fl-1 ta' Ġunju 2005 dawn il-proċeduri ġew differiti *sine die*;

Rat li fis-16 ta' Lulju 2018, il-proċeduri odjerni ġew riassenjati lill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello li però b'Digriet datat 15 ta' Frar 2022, irrikużat ruħha u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn il-proċeduri ai termini ta' l-Artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fl-1 ta' Marzu 2022, il-proċeduri odjerni ġew assenjati lill-Maġistrat sedenti u ġew riappuntati għas-smigħ għas-26 ta' April 2022;

Rat id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2022, ossia li f'dak l-istadju *ser tagħlaq il-provi in vista ta' żewġ fatturi prinċipali: l-ewwel waħda hija mix-xhieda tas-Sur Victor Micallef a fol. 30 tal-proċess jidher li l-imputat ma kienx f'posizzjoni li jissusspetta dak li hemm indikat fl-akkuża prinċipali, fit-tieni lok il-Prosekuzzjoni, li ħadet konjizzjoni ta' dan il-każ f'dawn it-tliet xhur li għaddew, m'għandha l-ebda informazzjoni rigwardanti xhieda oħra li jistgħu jiġu nġunti quddiem din il-Qorti rigward dan il-każ illi beda iktar minn għaxar snin ilu*;

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2022, l-imputat iddikjara li ma għandux provi x'jressaq;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fid-29 ta' Awwissu 2002 u xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex jbiegħhom jew imexxihom.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u li in oltre huwa ġa ġie ġudikat mill-Maġistrat Mizzi dwar il-parti tar-riċettazzjoni li huwa allegatament wettaq u dana qabel is-27 ta' Marzu 2002.

Il-Qorti ser tittratta l-ewwel l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* sollevata mill-imputat u fir-rigward tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra, Appell Nru. 347/2022** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Ottubru 2022, fejn ġie osservat illi: *l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra testwalment: "Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun soġġett għal kawża ohra". Dana jippostula żewġ elementi importanti u cioè fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jiġi lliberat mill-akkużi u t-tieni lok illi l-persuna ma tiġix sottoposta għal proċeduri ġodda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat, kuntrarjament għall-jedd imħares mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja li jitkellmu dwar "ir-reat"*[1]*. Dan magħdud allura huwa indubitat illi l-prinċipju ta' ne bis in idem, huwa applikabbli biss meta l-ġudikabbli jkun ġie ipproċessat dwar l-istess fatti jew l-istess reati quddiem Qorti tal-ġustizzja, kif ingħad. Fid-deċiżjoni "Sue Maestà il-Re v. Agata Mifsud u Carmelo Galea" [15.6.1918] intqal li: "un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola 'non bis in idem' è quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina ġiuridica in Inghilterra. "The true test by which the question whether such a plea (i.e. autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal*

[1] Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni.

*conviction upon the first[2]". Illi s-sentenza li tagħmel esposizzjoni tajba ta' dana l-prinċipju kif jinsab imħaddan fil-Liġi tagħna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali hija dik mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) Il-Pulizija v. Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin[3] "Il-prinċipju tan-ne bis in idem imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom fl-ewwel proċess. … Illi dana s-subartikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa lil persuna mixlija minn dak mogħti mill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali, sewwasew għaliex jgħolli l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem għall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali". Kif mistqarr mill-kompjant Imħallef William Harding għar-rigward tat-tħaddim tar-regola ne bis in idem: "The criminal action is extinguished … when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgement on a different charge, but founded on the same act." Illi għalhekk kif ġie sottolinjat iktar 'l fuq fis-sentenza ċitata, l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn proċediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terġa' titressaq mixlija fi proċeduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel proċediment.*

Issir referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Ġunju 2018 li biha essenzjalment ġiet ikkonfermata s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin** pronunċjata mill-Prim' Awla Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-26 ta' Marzu 2009, in kwantu dak hemm osservat huwa rilevanti u pertinenti għall-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti trid tagħmel fil-kuntest tal-proċeduri odjerni.

Fl-imsemmija sentenza l-Qorti Kostituzzjonali rribadiet illi *l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi "Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra". L-artikolu 39(9) ta-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li persuna li tkun diġa għaddiet minn proċediment quddiem il-qorti dwar reat kriminali, ma terġax tgħaddi minn proċeduri għal dak ir-reat jew reat kriminali ieħor li għalih setgħet tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat* u żiedet tosserva li *l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jipprovdi: "1. No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted in accordance with the law and penal procedure of that State". Il-qorti tibda biex tosserva li għal finijiet ta' dawn il-proċeduri, mhuwiex rilevanti l-motiv li wassal lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex bis-sentenza ta' l-24 ta' Ottubru 2006, tillibera lill-intimat. Dik is-sentenza hi ġudikat. M'hemmx dubju li: i. L-ewwel sentenza ngħatat f'kawża kriminali. Għalhekk l-ewwel proċeduri kienu ta' natura Kriminali. ii. L-ewwel sentenza saret res judicata. iii. Fit-tieni kawża r-reati li l-intimat ġie imputat li wettaq kienu digà ġew imputati fl-ewwel kawża kriminali. Il-kwistjoni hi dwar jekk bit-tieni kawża, kienx hemm id-dupplikazzjoni ta' proċeduri kriminali (bis). L-imputazzjonijiet fit-tieni kawża kienu digà ngħataw fl-ewwel kawża*

---

[2] Il-Pulizija v. Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin, Appell Nru. 378/07, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu 2008.

[3] Deċiża fis-26 ta' Marzu 2009 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Ġunju 2018.

*u li minnhom l-intimat ġie liberat bl-ewwel sentenza li ngħatat fl-24 ta' Ottubru 2006 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-uniku differenza hi li l-ħin li jissemma fiċ-ċitazzjoni ta' l-ewwel kawża u dik ta-tieni kawża. Fl-ewwel ċitazzjoni jissemma 8:15 ta' filgħodu filwaqt li fit-tieni waħda jingħad li l-inċident seħħ fit-8:15 ta' bil-lejl. Hu evidenti li min ipprepara l-ewwel taħrika ħa żball, u waqt is-smigħ ta' l-ewwel kawża l-uffiċjal prosekutur ma talabx korrezzjoni... Fil-fatt fl-okkerrenza tal-pulizija jirriżulta li l-inċident seħħ fit-20:00 filwaqt li r-rapport sar fit-20:15. Però hu inkontestat li inċident wieħed kien biss hemm, li seħħ bil-lejl u mhux filghodu. Fis-sentenza Grande Stevens v. Italy (numru 18640/10 tas-7 ta' Lulju 2014) il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem reġgħet ikkonfermat dak li kienet qalet l-istess qorti (Grand Chamber) fil-każ ta' Sergey Zolotukhin v. Russia (14939/03): "The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of accusations levelled against the applicant in the new proceedings. Normally these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence of which he or she stands accused. In the Court's view, such statement of fact are an appropriate starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings ... it follows from the principles set out in the case of Sergey Zolotukhin, cited above, that the question to be answered is not whether or not the elements of the offences set out in Articles 187 ter and 185 § 1 of Legislative Decree No. 58 of 1998 are identical, but whether the offences with which the applicants were charged before the CONSOB and before the criminal courts concerned the same conduct. Fis-sentenza ta' Sergey Zolotukhin v. Russia, il-qorti qalet li l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll kellu jinftiehem: "... as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same'. Fil-fatt fil-każ A.B. v. Norway, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Grand Chamber) qalet: "The most significant contribution of Zolotukhin judgment was the holding that the determination as to whether the offences in question were the same (idem) was to depend on a facts-based assessment... rather then, for example, on the formal assessment consisting of comparing the "essential elements" of the offences. The prohibition concerns prosecution or trial of a second "offence" in so far as the latter arises from identical facts or facts which were substantially the same.... Fil-każ Tomasovic v. Croatia (applikazzjoni 53785/09) tat-18 ta' Ottubru 2011, l-istess Qorti, wara li wkoll għamlet referenza għal każ ta' Sergey Zolotukhin, waslet għall-konklużjoni li:* "As to the present case the Court notes that in respect of the minor offence the applicant was found guilty of possessing 0.21 grams of heroin on 15 March 2004 at about 10.35 p.m. As regards the proceedings on indictment, she was found guilty of possessing 0.14 grams of heroin on 15 March 2004 at about 10.35 p.m. The Court cannot but conclude that the facts constituting the minor offence of which the applicant was convicted were essentially the same as those constituting the criminal offence of which she was also convicted". *Fil-każ Muslija v. Bosnia Herzegovina tal-14 ta' Jannar, 2014, il-qorti sabet lir-rikorrent ħati talli fit-12 ta' Frar, 2003 fis-6.40 pm daħal fl-appartament ta' persuna li qabel kienet martu u ikkundannatu jħallas multa. Sussegwentement, f'Jannar 2008 Qorti Muniċipali kienet sabet lill-istess applikant ħati li fis-7 pm tat-12 ta' Frar 2003,*

*kkaġuna ġrieħi gravi fuq l-istess persuna. Il-Qorti Ewropea qalet: "Turning to the present case, the Court notes that in both the minor offences proceedings and the criminal proceedings the applicant was found guilty of the same conduct towards the same victim and within the same time frame (see paragraphs 7 and 11 above). In 2011 the Constitutional Court rejected his appeal applying the pre-Zolotukhin case-law. Its approach had since evolved (see paragraph 18 above). The Court further notes that the definition of the minor offence under section 3(1)(2) of the Public Order Act 2000 does not, as such, include inflicting bodily harm, whereas that element is crucial for the criminal offence of inflicting grievous bodily harm under Article 177 of the 1998 Criminal Code. However, in its decision, the Minor Offences Court expressly stated that the applicant was guilty of, inter alia, slapping M.P. and of punching her about her entire body. The physical attack on M.P. thus constituted an element of the minor offence of which the applicant was found guilty (in this connection, see Maresti, cited above, § 63). In the criminal proceedings before the Municipal Court the applicant was again found guilty of, inter alia, hitting M.P. The events described in the decisions adopted in both sets of proceedings took place at about 6.40 p.m. on 12 February 2003 in M.P.'s flat in Kakanj. It is obvious that both decisions concerned exactly the same event and the same acts, regardless of the fact that the decision of the Municipal Court stated that the event took place at about 7 p.m...... The applicant was "convicted" in minor-offences proceedings which are to be assimilated to "criminal proceedings" within the autonomous Convention meaning of this term. After this "conviction" became final, he was found guilty of a criminal offence which related to the same conduct as that punished in the minor-offences proceedings and encompassed substantially the same facts. The Constitutional Court failed to apply the principles established in the Zolotukhin case and thus to correct the applicant's situation. In the light of the foregoing, the Court considers that the proceedings instituted against the applicant under Article 177 § 1 of the 1998 Criminal Code concerned essentially the same offence as that of which he had already been convicted by a final decision under section 3(1)(2) of the Public Order Act 2000. 40. There has therefore been a violation of Article 4 of Protocol No. 7".*

Fil-każ in eżami u mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat odjern kien:

- Fis-sena 2000 ġie mixli talli fid-19 ta' Lulju 2000, għall-ħabta tat-3:30p.m. kien fil-pussess ta' ġugarelli ta' l-għamla "Playmobil" u meta ġie mitlub minn uffiċjal pubbliku biex jipproduċi dokumenti jew invoices ta' l-istess ġugarelli meta hekk mitlub, naqas li jagħmel dan u dan bi ksur ta' l-Artikolu 7 ta' l-Avviż Legali 21 ta' 1971 (Supplies & Services Act). Huwa kien ġie lliberat minn tali imputazzjoni b'deċiżjoni mogħtija fis-16 ta' Lulju 2001;

- Fis-sena 2001 mill-ġdid ġie mixli talli fit-8 ta' Marzu 2001, ġewwa l-Imtarfa naqas li jipproduċi dokumenti tal-pupi tal-Playmobil meta hekk mitlub minnu u dan bi ksur tas-Supplies & Services Act, Avviż Legali 21 ta' l-1972. Huwa kien ġie lliberat minn tali imputazzjoni b'deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Frar 2002;

- Bil-proċeduri odjerni l-imputat qed jiġi mixli talli fid-29 ta' Awwissu 2002 u xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex jbiegħhom jew imexxihom.

B'referenza għall-imputazzjoni odjerna l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil Victor Micallef li waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2004 xehed illi *niftakar li xi żmien ilu l-Ispettur kien bagħat għalija u staqsieni jekk kontx biegħejt żewġ kaxxi pupi lill-imputat Difesa. Jiena weġibtu li kont jiena li biegħejthomlu dawn il-pupi u ngħid li fil-fatt kien sar irkant fil-fabbrika Vesta Moda li kienet għalqet u kont xtrajt il-pupi minn hemm. Ngħid ukoll li kont xtrajt il-kontenut kollu ta' l-istess fabbrika. Fost l-affarijiet li xtrajt kien hemm dawn iż-żewġ kaxxi pupi. Jiena kont fuq il-monti u ltqajt ma' l-imputat u għidtlu għandi dawn iż-żewġ kaxxi jgħoddu għalik u darba fost l-oħrajn l-imputat ġie u qalli li kien interessat jixtrihom u biegħejthomlu ħmistax-il lira. Dan in-negozju li għamilt ma Vesta Moda ilu li sar xi ħames snin. Il-pupi kienu ilhom għandi xi sitt xhur, seba' xhur qabel ma effettivament biegħejthom lill-imputat.*

Għalkemm it-tlett azzjonijiet kriminali fil-konfront ta' l-imputat huma għad-19 ta' Lulju 2000, 8 ta' Marzu 2001 u, dik odjerna, għad-29 ta' Awwissu 2002 u x-xhur ta' qabel, mix-xhieda ta' Victor Micallef jirriżulta ferm ċar li hawn si tratta ta' l-istess ġugarelli - li l-Qorti tifhem li huma pupi tal-Playmobil stante li l-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma tgħid li huma xi forma ta' ġugarelli differenti - u ta' l-istess fatti għat-tlett azzjonijiet separati.

Victor Micallef akkwista l-ġugarelli fl-1999, ossia ħames snin qabel id-data meta ta x-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, u biegħhom lill-imputat odjern madwar sitta jew seba' xhur wara, ossia għall-ħabta tas-sena 2000. Fis-sena 2000 u fis-sena 2001 l-imputat tressaq il-qorti għall-allegata vjolazzjoni ta' l-Artikolu 7 ta' l-Avviż Legali 21 ta' l-1971 l-ewwel darba u għall-allegata vjolazzjoni ta' l-Artikolu 7 ta' l-Avviż Legali 21 ta' l-1972 it-tieni darba. In verità r-referenza korretta hija l-Avviż Legali 21 ta' l-1972 (Leġislazzjoni Sussidjarja 117.15) u r-regolament 7 jittratta dwar meta u kif fatturi jew dokumenti oħra jridu jintwerew biex jiġu eżaminati minn uffiċjal pubbliku. Kif ingħad l-imputat kien ġie liberat ta' dawn l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fis-sena 2002 imbagħad l-imputat tressaq il-Qorti mixli bir-reat ta' riċettazzjoni tal-ġugarelli. Huwa evidenti hawn li il-Prosekuzzjoni qed tara u tressaq lill-imputat fir-rigward tax-xaqliba l-oħra ta' l-istess munita. L-ewwel resqitu għax allegatament naqas milli jipprovdi il-fatturi relattivi għall-akkwist tal-ġugarelli u in segwitu resqitu għax allegatament wettaq ir-reat ta' riċetazzjoni fir-rigward ta' l-istess ġugarelli.

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi l-imputat huwa korrett f'li jeċċepixxi *ne bis in idem*.

Fi kwalunkwe każ u fil-mertu wkoll, il-Prosekuzzjoni assolutament ma rnexxilhiex tipprova il-ħtija ta' l-imputat għar-reat ta' riċettazzjoni minnha prospettat fil-konfront tiegħu.

L-elementi tar-reat ta' riċettazzjoni ġew esposti b'mod opportun mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Giovanni sive John Grima** deċiża fil-25 ta' Ottubtru 2002, fejn appuntu ġie osservat illi *kif jispjega l-ġurista Francesco Antolisei (fil-kumment tiegħu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodiċi Penali Taljan - artikolu li huwa ftit differenti mid-disposizzjoni tagħna iżda li dwar l-provenjenza ta' l-oġġett riċettat huwa simili għal tagħna): Poichè oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenienza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato:* ***presuppone, cioè, che un altro reato sia stato***

***commesso in precedenza***[4] *... Naturalmente il delitto anteriore deve essere effettivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che per gustificare il basso prezzo affermi falsamente che essa proviene da un furto) saremmo in presenza di una ricettazione putativa, u quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato ... [ma] l**a condanna per ricettazione non può aver luogo, se prima non è stato rinconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore**[5]. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte ... a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perchè questa è una semplice condizione di procediblità. Del pari, la ricettazione può sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilità o per un' altra causa soggettiva di esclusione della pena. ... In fine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne è il presupposto, sia estinto".*

Fil-kuntest tar-reat ta' riċettazzjoni tissussisti wkoll it-teorija ta' *the unlawful possession of recently stolen goods* jew hekk kif imsejħa *theory of recent possession*. Kif osservat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alston Abdilla**, deċiża fl-10 ta' April 2013, *din it-teorija mhi xejn għajr l-applikazzjoni tal-'buon sens' għaċ-ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw pruvati; fis-sens li* ***meta jiġu ippruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħdehom iwasslu raġjonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti***[6]. *... Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali (per Imħallef Vincent Degaetano*[7]*) deċiża fis-26 ta' Awwissu 1998, il-Qorti studjat fil-fond din it-teorija fejn ġew ikkwotati diversi awturi Ingliżi u saret referenza għal ġurisprudenza Ingliża: "Din il-Qorti wkoll ser tikkwota mill-aħħar edizjoni ta' Archbold peress li hi tal-fehma li il-bran li ġej jittratta bl-iktar mod konċiż u preċiż il-kwistjoni kollha marbuta ma' din it-teorija: There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The rule (for it is no more than the application of common sense is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the stolen property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be so directed: (see R. v. Loughlin, 35, Cr. App; R. v. Seymour, 38, Cr. App. R.68). This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or armed robbery. In R. V, Symthe, 72, Cr. App R 8 C.A., the Court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence 5th ed. (Now 8th ed.p.35): "If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to be stolen ... The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say they acquired them innocently from someone else. Where the only*

[4] Enfasi ta' din il-Qorti.
[5] Enfasi ta' din il-Qorti.
[6] Enfasi ta' din il-Qorti.
[7] Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et.

*evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue". Every case depends on its own facts, there is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality, is that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how it fits in or does not fit in with the other available evidence". (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997 paras. 21-125, 21-126).*

Fil-każ in eżami, l-unika prova dwar l-imputazzjoni odjerna prodotta mill-Prosekuzzjoni hija x-xhieda ta' Victor Micallef li, kif già iktar 'l fuq osservat xehed illi *niftakar li xi żmien ilu l-Ispettur kien bagħat għalija u staqsieni jekk kontx biegħejt żewġ kaxxi pupi lill-imputat Difesa. Jiena weġibtu li kont jiena li biegħejthomlu dawn il-pupi u ngħid li fil-fatt kien sar irkant fil-fabbrika Vesta Moda li kienet għalqet u kont xtrajt il-pupi minn hemm. Ngħid ukoll li kont xtrajt il-kontenut kollu ta' l-istess fabbrika. Fost l-affarijiet li xtrajt kien hemm dawn iż-żewġ każżi pupi. Jiena kont fuq il-monti u ltqajt ma' l-imputat u għidtlu għandi dawn iż-żewġ kaxxi jgħoddu għalik u darba fost l-oħrajn l-imputat ġie u qalli li kien interessat jixtrihom u biegħejthomlu ħmistax-il lira. Dan in-negozju li għamilt ma Vesta Moda ilu li sar xi ħames snin. Il-pupi kienu ilhom għandi xi sitt xhur, seba' xhur qabel ma effettivament biegħejthom lill-imputat.*

Minn din ix-xhieda l-elementi tar-riċettazzjoni ma jirriżultawx u l-Prosekuzzjoni ma ressiqtx provi oħra li jippruvaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat huwa hekk ħati tar-reat ta' riċettazzjoni. Dan il-fatt ġie rikonoxxut mill-istess Prosekuzzjoni tant illi fis-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2022, ivverbalizzat illi *mix-xhieda tas-Sur Victor Micallef a fol. 30 tal-proċess jidher li l-imputat ma kienx f'posizzjoni li jissusseptta dak li hemm indikat fl-akkuża prinċipali.*

Għaldaqstant, fil-mertu, fin-nuqqas ta' provi dwar ħtija għat-twettiq tar-reat, l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, kemm fid-dawl tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* kif ukoll minħabba nuqqas ta' provi dwar il-mertu, mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**